*Art 244 tal-Kap 16*

*Korrezzjoni ta' Certifikat korrett*

*Skop ta' Atti ta' Stat Civili*

*Kuratur ad litem*

*Rikonoxximent ta' paternita fl-esteru*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

**ONOR.LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D.,M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 31 ta' Ottubru 2017**

**Kawza Numru: 31**
**Rikors GuramentatNumru:198/2017/LSO**

**Nejah Nasrallah (ID 49111L) bhala kuratrici *ad litem* ta' bintha minuri Sarah Al Mhimid Nasrallah**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikorsguramentatta’ **Nejah Nasrallah**datat 3ta’ Marzu 2017 fejn esponiet: -

Illil-minuri **Sarah Al Mhimid Nasrallah** twieldet lill-esponenti Nejah Nasrallah fir-Renju Unit fis-sebgha (7) ta' Settembru elfejn u erbatax (2014) u t-twelid gie registrat bhala missier mhux maghruf u sussegwentment rilaxxata kopja ta' tali registrazzjoni li ggib ir-referenza BBD 028077 (kopja annessa Dok A);

Illil-esponenti *a tenur* ta' artikolu 244 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta talbet lid-Diretturtar-Registru Pubbliku sabiex l-attfuq imsemmi, jigi registrat f’dawn il-Gzejjer, liema talba giet akkolta u nhareg ic-certifikat li jgib ir-referenza 1225464 (kopja annessa Dok B);

Illi sussegwentement missier il-minuri Isa Al Mihid (certifikat tat-twelid anness Dok C) irrikonoxxa l-minuri Sarah Al Mhimid Nasrallah fir-Renju Unit liema rikonoxximent gie registrat u nhareg kopja ta' tali registrazzjoni li ggib ir-referenza BBL 385047 (kopja annessa Dok D);

Illi ghalkemm l-esponenti *a tenur* ta' artikolu 244 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta talbet lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex l-att fuq imsemmi, ossija dak li jgib ir-referenza BBL

385047 jigi registrat f' dawn il-Gzejjer fis-sens li c-certifikat ta' twelid tal-minuri Sarah Al Mhimid Nasallah juri wkoll il-konnotati tal-missier l-istess qed jirrifjuta ghal ebda raguni valida jirregistra l-istess.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Jghid ghalhekk id-direttur intimat, ghaliex, ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-Qorti m'ghandiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

Tordnalid-Direttur intimat sabiex *a tenur* ta' artikolu 244/253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jirregistra d-dettalji ta' missier il-minuri Sarah Al Mhimid Nasrallah fic-certifikat tat-twelid taghha kif jidhru mic-certifikat rilaxxat mir-Renju Unit li jgib ir-referenza BBL 38507.

Bl-ispejjes kontra l-intimat.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-27 ta' April 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 27 ta' Marzu 2017 (fol 20) fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma :-

1. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-

debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur***tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u *in linea* preliminari, ghall-inqas mill-atti li gew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni mehtiega, li permezz taghha Nejah Nasrallah giet mahtura bhala kuraturici *ad litem* in rapprezentanza ta' bintha minuri Sarah Al Mhimid Nasrallah skont id-dispozizzjonijiet **tal-Artikoli 781 u 783 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;**

3. Illi r-registrazzjoni tal-att tat-twelid ta' Sarah Al Mhimid saret skont **Artikolu 244 tal-Kodici Civili,** hekk kif dan l-artikolu jaghti s-setgha lid-Direttur konvenut jirregistra dawk l-atti ta' twelid li kienu maghmula jew registrati minn awtorita' kompetenti f' pajjiz esteru, fic-cirkostanza li d-Direttur ikun sodisfatt mill-awtenticita' tal-Att esteru;

4. Illi sabiex id-Direttur jaghmel tali registrazzjoni huwa jinserixxi d-dettalji kif misjuba fl-Att esteru li jkun gie provdut lid-Direttur konvenut ghall-finijiet tar-registrazzjoni *ai termini***tal-Artikolu 244 sub-inciz 2 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.** Fil-fatt l-attrici fornixxiet lill-konvenut bl-Att esteru li jgib ir-referenza BBL 385047;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, f' dan l-istadju l-attrici qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex *ai termini***tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** l-Att esteru li jgib ir-referenza BBL 385047 jigi registrat f' Malta;

6. Illi ghat-talba kif dedotta mill-attrici, id-Direttur konvenut jinsab f' pozizzjoni li jkollu jopponi ghal tali talba u dan *stante*li filwaqt **l-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta'Malta** jaghti s-setgha lid-Direttur konvenut jirregistra Att esteru, l-istess artikolu ma jippermettix lill-konvenut jaghmel annotazzjoni fi-eventwalita' illi l-att esteru jigi emendat wara li tkun saret ir-registrazzjoni tal-istess Att gewwa Malta;

7. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, id-Direttur tar-Registru Pubbliku ma rrifjutax it-talba tal-attrici minghajr ebda raguni u li kieku l-istess attrici ghamlet it-talba taghha *ai termini***tal-Artikolu** 253 **tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** id-Direttur kien jikkunsidra tali talba hekk kif huwa muri li saret xi forma ta' registrazzjoni ta' bidla fuq ic-certifikat mahrug mir-Renju Unit;

8. Illi bla hsara ghal premess jintqal illi fi kwalunkwe kaz l-esponent m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 20 ta'Gunju 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. L-attrici prezentifl-Awla.Dr Stephanie Ellul prezentat nota *seduta*

*stante* u ghaddiet kopja tal-istess lid-difensur tal-kontro-parti.Dr Valentino ddikjara li m'ghandux provi ulterjuri fuq ir-risposta ulterjuri tal-intimat. Id-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Ottubru 2017 fid-9:30a.m.

Rat ir-risposta ulterjuri tad-Direttur tar-Registru Pubbliku pprezentata*seduta stante* fis-seduta tal-20 ta' Lulju 2017 a fol 34 tal-process.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikolu 244 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** skont liema kull persuna li ghandha interess tista' taghmel talba lid-Direttur tar-Registru Pubbiku sabiex jirregistra f'dawn il-Gzejjer Att ta' stat rilaxxjat fl-esteru. Inoltre t-talba qed issir fit-termini tal-**artikoli 253 *et sequitur*tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblkazzjoni skont l-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fit-8 ta' Marzu 2017 (fol 16) b'hekk l-ewwel eccezzjoni hija sorvolata.

**RAPPREZENTANZA GURIDIKA**

Illi b'riferenza ghat-tieni eccezzjoni sollevata, ir-rikorrenti ghandha s-setgha ta' genitur fir-rigward ta' bintha u b'hekk hija awtorizzata *ex lege* li tidher ghan-nom u fl-interess taghha fl-atti kollha tal-hajja civili u tirrapprezentaha in gudizzju.

Skont **l-artikolu 781 (1) (a) tal-Kap 12:**

***781.*** *M'humiex kapaċi biex joqogħdu f'kawża bħala atturi jew bħala konvenuti:*

*(a) il-minuri, ħlief fil-persuna tal-ġenitur li jkun qed jeżerċita s-setgħa tal-missier, jew, fin-nuqqas ta' dan,fil-persuna ta' tutur jew kuratur."*

Illi skont l-**artikolu 783 (3) tal-Kap 12:**

*"(3) Ir-rikors għall-ħatra ta' kuratur ma jiġix milqugħ mill-qorti, jekk il-parti li għaliha tintalab il-ħatra ta' kuratur tkun ġa ipprovduta b'tutur jew b'kuratur, ħlief meta l-kawża tkun kontra dak it-tutur jew kuratur."*

Ghaldaqstant din il-Qorti ma tikkondividix it-tezi tal-intimat li fil-kaz odjern jehtieg li r-rikorrenti tigi mahtura formalment u l-Qorti hi tal-fehma li l-kawza hija istitwita ritwalment.

Ghaldaqstant it-tieni eccezzjoni qed tigi respinta.

**L-Artiklu 244 tal-Kap 16**

Illi r-rikorrenti qed titlob li l-att tat-twelid ta' bintha minuri rilaxxjat mir-Registru Pubbliku ta' Malta (Dok.B) jigi emendat, fis-sens, li ssir il-korrezzjoni billi jigu registrati d-dettalji ta' missier il-minuri, kif jidher minn certifikat rilaxxat mir-Renju Unit.

Illi f'kazijiet simili, fejn jintalab li jigi prodott Att tat-twelid jew att ufficjali iehor, redatt f'pajjiz iehor, dan jigi registrat skont id-dettami tal-istess artikolu 244, billi jigi riprodott dak imnizzel fic-certifikat esteru. Illi huma proprju f'dan is-sens, it-tielet,ir-raba' u l-hames eccezzjoni tad-Direttur intimat, fejn gie eccepit, li fir-rigward tad-dokument prodott mir-rikorrenti, bir-referenza BBD 028077 (Dok A) ir-registrazzjoni saret skont dak id-dokument, u mhux skont id-dokument li nhareg mill-awtoritajiet kompetenti sussegwentement, ossija dokument BBL 385047 (Dok D).L-intimat eccepixxa li l-artiklu 244 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma ippermettihx li jaghmel korrezzjoni fl-eventwalita' illi l-att esteru jigi emendat wara li tkun saret ir-registrazzjoni tal-istess att f'Malta. Fis-seba' eccezzjoni tieghu, l-Intimat eccepixxa li kien jikkonsidra talba simili *ai termini* tal-artiklu 253 tal-Kap Sittax tal-Ligijiet ta' Malta jekk jigi muri li saret xi forma ta' registrazzjoni ta' bidla fuq ic-certifikat mahrug mir-Renju Unit.

Illi izda, jirrizulta li fil-kaz odjern, ma gietx registrata bidla fuq ic-certifikat tat-twelid originali mahrug mir-Renju Unit

imma inhareg certifikat gdid **(DOK D)** b'numru ta' registrazzjoni kompletament differenti.

Illi fir-Risposta Ulterjuri tieghu l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni ta' din il-Qorti wara li ssottometta li l-procedura Ingliza rigward korrezzjonijiet fl-Atti tat-Twelid hija kompletament differenti minn dik Maltija.

Ikkonsidrat li l-minuri twieldet fir-Renju Unit fejn gie registrat l-att tat-twelid taghha originali. L-att rilaxxjat mill-intimat jirrispekkja dak l-ewwel att imma mhux it-tieni att, li korrettement ukoll juri l-istat taghha bhala wild naturali ta' missier maghruf, fejn hemm imnizzel il-konnotati tal-missier. Ghalkemm huwa manifest li dan it-tieni certifikat huwa distint u separat tant li hemm data u numru differenti mill-att originali, ma hemmx dubbju li dan it-tieni certifikat jista' jintuza bhala certifikat tat-twelid ghall-minuri li jirrisali ghad-data tat-twelid taghha.

Ikkonsidrat li l-att tat-twelid skont il-ligi Maltija jirrifletti l-posizzjoni ta' l-individwu fid-data tat-twelid tieghu. L-intimat huwa korrett meta jghid li s-sistema taghna ma tippermettix korrezzjonijiet jsiru fic-certifikati registrati minhabba atti li sehhew wara r-registrazzjoni *ai termini* tal-art.244 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Madanakollu l-ligi taghna tippermetti korrezzjonijiet fejn ikun sar zball **(253(1)),** jew minhabba uzu konsistenti ta' isem iehor **(253(2))** jew b'registrazzjoni wara sentenza tal-

Qorti li taghraf il-paternita` naturali ta' missier **(art.86, 86A,87 u 92)**f'kazijiet analogi ghal dak odjern.

Inoltre skont **l-artiklu 289 tal-Kap 16:**

***"289.*** *(1) Jekk, wara li att ta' twelid ta' tarbija mnissla u mwielda barra miż-żwieġ jkun ġie rreġistrat mingħajr tismija ta'isem il-missier, il-paternità ta' din it-tarbija tiġi stabbilita b'sentenza tal-qorti, l-isem tal-missier jista', fuq talba ta' kull min ikollu interess, jiġi mniżżel b'annotazzjoni fil-marġini tar-reġistru.*

*(2) L-istess japplika jekk, wara r-reġistrazzjoni ta' att ta' repert, jinsab min huma l-ġenituri tat-tarbija misjuba, sew bil-mezz ta' dikjarazzjoni li huma jagħmlu, kemm b'sentenza tal-qorti."*

Inoltre l-legislatur introduca bosta emendi li permezz tal-istess jistghu jsiru annotazzjonijiet u jinhargu certifikati godda wara tali l-annotazzjonijiet sahansitra fuq semplici dikjarazzjoni *ex parte* quddiem nutar konness mat-tibdil tal-generu (vide **Kap 540 tal-Ligijiet ta' Malta** u l-emendi introdotti fil-Kodici Civili).

Illi huwa fl-interess kemm tal-minuri kif ukoll tas-socjeta' in generali li l-gharfien ta' paternita' tigi riflessa fl-Att ta' stat civili tal-istess minuri. Dan l-gharfien, li anke fis-sistema nostrana tista' ssir wara t-twelid, sahanistra permezz ta' att pubbliku[1] jkollu bosta effetti fosthom fuq il-kunjom tal-

[1]Art. 87(1) tal-Kap 16

minuri, u l-effett li dak il-genitur ikollu s-setghet kollha tal-genitur fuq dak il-wild hlief ghall-uzufrutt legali[2] u bosta effetti ohra intizi ghall-harsien tal-minuri u tar-rabta bejn il-wild u l-genitur.

Tqis li l-bidla f'Atti ta' stat civili hija mahsuba mil-ligi kemm ghall-beneficcju tal-persuna koncernata, u kif ukoll fl-interess tat-terzi, u hija f'dawn il-limiti li l-legislatur ried li l-Qorti tqis talbet ghall-bidla jew annotazzjonijiet f'atti bhal dawn. L-interess tal-intimat huwa sewwasew l-interess ta' dawn it-terzi, b'mod illi meta bit-talba maghmula l-interess tal-pubbliku ma jkunx qieghed igarrab hsara jew pregudizzju, it-talbiet ta' attur ghandhom jintlaqghu, jekk kemm-il darba jirrizultaw pruvati kif ghandu jkun.[3]

Illi f'dan il-kaz din il-Qorti ma tarax li l-interess pubbliku jista' jgarrab xi pregudizzju u li l-pregudizzju li jista' jigi soffert hija min-naha tar-rikorrenti nomine billi c-certifikat tat-twelid tal-minuri kif registrata f'Malta ma ssemmix u ma taghrafx lill-missier. Kif inhi llum, il-qaghdha ufficjali tal-minuri f'Malta hija li hija wild ta' missier mhux maghruf u tista' tiddikjara taghrif ta' missierha biss mhux ufficjalment.

Dan kollu johloq anomalija inaccettabbli u ta' hsara ghall-interessi supremi tal-minuri. M'ghandux jintnesa' li l-produzzjoni ta' certifikat tat-twelid jew ta' estratt tieghu, hija prerekwizit ghal kull dokument legali iehor, per ezempju,

---

[2] Art. 90(1) tal-Kap 16

[3] 15 App. Civ. **2.3.1994** fil-kawza fl-ismijiet ***John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace vs Direttur tar-Registru Pubbliku***

registrazzjoni fi skola, karta ta' l-identita', ktieb tax-xoghol, licenzja tas-sewqan u ghall-atti ohrajn tal-hajja civili.

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni ta' din il-Qorti u konsegwentement din il-Qorti ser tordna lill-intimat sabiex l-istess registrazzjoni fit-tieni certifikat (DOK D) jigi registrat permezz ta' nota fil-margni fl-Att tat-Twelid Numru 586/2015(Dok B) b'dan li fl-istess certifikat tat-twelid tal-minuri,**Isa Al Mihid** ghandu jigi ndikat bhala missier it-tarbija u jitnizzlu l-konnotati relattivi tieghu.

**Mertu**

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz, din il-Qorti hija fid-dover li taccerta l-verita` tal-fatti fejn tidhol l-identita` ufficjali tal-persuna kkoncernata. Illi r-rikorrenti esebiet mar-rikors promotur, l-ewwel dokument esteru li ma jindikax min hu l-missier, Dok A, u kif ukoll id-dokument sussegwenti esteru li jindika min hu l-missier meta rrikonoxxa lill-minuri bintha. Dan jinsab esebit bhala Dok D.

Ir-rikorrenti xehdet permezz tal-affidavit taghha, u sostniet li originarjament meta rregistrat it-tifla, fir-Renju Unit, missier it-tifla ma kienx mar maghha, izda sussegwentment wara t-testijiet genetici, l-missier irrikonoxxa li hu missier it-tifla. Difatti, in sostenn ghal dan, gie esebit ukoll, ic-certifikat tat-twelid ta' Sarah Al Mhimid Nasrallah kif mahrug mill-ufficju tal-Affarijiet Barranin tar-Renju Unit. (fol 25).

Fid-dawl tad-dokumenti esebiti u tal-affidavit tar-rikorrenti, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti rnexxielha tipprova li bintha giet rikonoxxuta minn missierha sussegwentement ghall-ewwel dokument esteru Dok A, billi hija soddisfatta mill-awtenticita' tad-dokument li jindika specifikatament l-identita` tal-missier Dok D.

Izda, taqbel mal-intimat li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid, kif registrat. Ghalhekk, taqbel li l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez.

Ghaldaqstant, ser takkolji t-talba tar-rikorrenti.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat in kwantu inkompatibbli ma' din is-sentenza, u tordna lid-Direttur intimat sabiex l-istess registrazzjoni fit-tieni certifikat BBL 38507 mahrug mir-Renju Unit (DOK D) jigi registrat permezz ta' nota fil-margini fl-Att tat-Twelid tal-minuri Sarah Al Mhimid Nasrallah bin-numru knsekuttiv 586/2015 (Dok B) b'dan li fl-istess certifikat tat-twelid tal-minuri, l-isem tal-missier **Isa Al Mihid** ghandu jigi ndikat bhala missier it-tarbija u jitnisslu l-konnotati relativi tieghu.

Tordna li d-Direttur tar-Registru pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16** tal-ligijiet ta' Malta.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**31 ta' Ottubru 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Ottubru 2017**